MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 972/2009

**Paul Micallef (ID No 413759M) li jiggestixxi l-istabbiliment kummercjali bl-isem "Tatara Bathrooms" u "Paul Auto Dealer".**

**vs**

**Stephen Montebello (ID No 52585M) u Paul Cutajar (ID No 173561M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Pau Micallef datat 9 ta' Ottubru 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponent jiggestixxi l-istabiliment kummercjali bl-isem "Tatara Bathrooms" illi minnu jbiegh kmamar tal-banju, madum tal-art u tal-hajt u oggetti ohra ancillari.

Illi minn gol-imsemmi stabbiliment kummercjali l-esponent biegh u kkonsenja lill-konvenuti, huma jew min minnhom, madum tal-art u tal-hajt versu l-prezz komplessiv ta' €3,829.12 (*vide* Dok. 'A').

Illi l-esponent jiggestixxi wkoll l-istabbiliment kummercjali bl-isem 'Paul Auto Dealer' illi minnu jbiegh ingenji, ghodod u makkinarju bhall-pompi, *generators* u affarijiet ohra.

Illi minn gol-imsemmi stabbiliment kummercjali l-esponent biegh u kkonsenja lill-konvenuti, huma jew min minnhom, diversi pompi, ghodod, *generators*, ingenji u oggetti ohra versu l-prezz komplessiv ta' €36,538.12 (*vide* Doks. "B - E").

Illi wkoll il-konvenuti jew min minnhom hadu minghand l-esponent, ghad-dannu tieghu u kontra r-rieda tieghu, zewg *generators* b'valur komplessiv ta' €7,627.00.

Illi, ghalhekk, il-konvenuti jew min minnhom huma veru, certi u likwidi debituri tal-esponent fis-somma komplessiva ta' €47,634.24 kif fuq spjegat.

Illi fil-fehma tal-esponent il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu skont il-ligi u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smigh u skont proceduri specjali sommarji.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddispensa bis-smigh tal-kawza *a tenur* tal-**artikolu 169 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma veru, certi u likwidi debituri tal-esponent fis-somma komplessiva ta' €47,634.24; u

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-esponent l-imsemmija somma ta' €47,634.24.

Bl-imghax legali mid-data li fiha kull ammont pagabbli mill-konvenuti lill-attur sar dovut u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 1563/09, tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 1676/09 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1677/09 kontra l-konvenuti jew min minnhom minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumneti l-ohra.

Rat li l-intimat Paul Cutajar debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa' kontumaci u msejjah tliet darbiet lanqas ma deher.

Rat ukoll Ii l-konvenut Stephen Montebello deher u ammetta l-kawza u t-talbiet kif dedotti u dan kif verbalizzat fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2009.

Peress li fic-cirkustanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u fil-fatt tinsab ammessa mill-konvenut Stephen Montebello *proprio* u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tiddeciedi billi ukoll fuq ammissjoni tal-konvenut Stephen Montebello u fin-nuqqas ta' Paul Cutajar li jidher ghall-kawza **tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------